MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 699/2004

**John Falzon**

**Vs**

**Stephen Busuttil u l-kumpannija TBS Services Limited għal kull interess li jista' jkollha**

Il-Qorti,

Rat l-att taċ-ċitazzjoni tas-soċjeta` attriċi li bih, wara li ppremettiet:

Illi l-attur John Falzon, fil-perjodu bejn Frar u Marzu tas-sena 2004, biegħ lill-konvenut Stephen Busuttil diversi prodotti li komplessivament jammontaw għal sebat elef tmien mija u wieħed u erbgħin Liri Maltin u tmienja u sebgħin ċenteżmu (Lm7841.78), u dan kif jirrizulta mis-

segwenti invoices (kopja ta' liema dokumenti hawn annessa u markati bħala Dok IJS1 sa Dok IJS8) numri:

- 5730 fit-2 ta' Frar 2004 fil-valur ta' Lm2240.54 inkluż il-VAT
- 5732 fit-2 ta' Frar 2004 fil-valur ta' Lm42.33 inkluż il-VAT
- 5776 fit-18 ta' Frar 2004 fil-valur ta' Lm7.07 inkluż il-VAT
- 5798 fis-26 ta' Frar 2004 fil-valur ta' Lm12.81 inkluż il-VAT
- 5827 fl-10 ta' Marzu 2004 fil-valur ta' Lm6.49 inkluż il-VAT
- 5833 fis-17 ta' Marzu 2004 fil-valur ta' Lm12.81 inkluż il-VAT
- 5868 fil-25 ta' Marzu 2004 fil-valur ta' Lm3373.53 eżkluż il-VAT
- 5869 fis-26 ta' Marzu 2004 fil-valur ta' Lm1304.21 ezkluz il-VAT

Illi l-ammont ta' Lm2522 dovut fuq l-ewwel sitt (6) invoices (Dok IJS1 sa Dok IJS6) kien dovut li jitħallas fit-30 ta' Mejju 2004, liema ammont tħallas mill-konvenut Stephen Busuttil permezz ta' cheque numru 1270 maħruġ mis-soċjeta' konvenuta l-ohra TBS Services Limited (Dok IJS9) liema cheque pero' ma ġiex onorat mill-Bank of Valletta tant illi l-istess ġie ritornat 'refer to drawer' mill-istess Bank fil-31ta' Mejju 2004;

Illi l-ammont dovut skond l-ahhar zewġ invoices (Dok IJS7 u Dok IJS8) li oriġinarjament ma kienx jinkludi il-VAT stante li l-konvenut Stephen Busuttil kien iddikjara li l-affarijiet hemm indikati kienu ntenzjonati biex jigu esportati, kien dovut immedjatament;

Illi l-konvenut Stephen Busuttil naqas li jinnotifika lill-attur bid-dokumentazzjoni neċessarja biex jipprova li l-affarijiet indikati fl-invoices Dok IJS7 u Dok IJS8 ġew effetivament esportati, u b'hekk l-istess attur huwa obbligat bil-Liġi li fuq l-istess affarijiet il-VAT li

komplessivament tammonta għal tmien mija u wieħed u erbgħin Liri Maltin u disgħa u disgħin ċenteżmu (Lm841.99);

Illi minkejja li l-konvenut ġie nterpellat bosta drabi, huwa baqa' inadempjenti;

Illi in vista tas-suespost, il-konvenut Stephen Busuttil huwa debitur ta' l-attur fl-ammont ta' sebat elef tmien mija u wieħed u erbgħin Liri Maltin u tmienja u sebgħin ċenteżmu (Lm7841.78);

Illi d-debitu huwa ċert, likwidu u dovut;

Illi l-konvenuti m'għandhomx eċċezzjonijiet x'jagħtu in kontro-trattazjoni tat-talbiet attriċi u għalhekk jippersistu ċ-ċirkostanzi kontemplati fl-artikolu 167-170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talbet illi din il-Qorti:

1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom li jħallsu lill-attur is-somma ta' sebat elef tmien mija u wieħed u erbgħin Liri Maltin u tmienja u sebgħin ċenteżmu (Lm7841.78);

Bl- ispejjeż inkluż dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 837/04 JA u l-ittri uffiċjali kif ukoll bl-imgħax kontra il-konvenuti skond kif pattwit fl-istess invoices li huma inġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attur;

Rat illi l-konvenuti ammettew it-talba kif dedotta fiċ-ċitazzjoni wara li l-qorti fissrithielhom;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni kontra tagħha tirriżulta pruvata;
Fuq ammissjoni tal-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur kif dedotta fiċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------